21 ta’ Settembru 2023
Għall-Attenzjoni tiegħek: Il-WHO CA+ (Trattat Pandemiku) qed jiġi propost f'194 pajjiż

Dr Abela, Prim Ministru & MP; Membru tal-Kunsill Ewropew,
F'Jum l-Indipendenza, aħna qed niktbulek bi tħassib serju dwar il-kunflitt ta’ interess potenzjali li inti tinsab fih meta tieħu deċiżjonijiet fir-rwol doppju tiegħek ta’ Prim Ministru ta’ Malta u membru tal- Kunsill Ewropew.

Il-Kunsill Ewropew ilu jippromwovi bis-saħħa l-ħatfa ta’ poter min-naħa tal-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija (WHO) inkluż meta ppubblika b’tifħir il-konklużjonijiet tal-ftehim tagħha fis-17 ta’ Novembru 2020 li bihom jingħad li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta’l-Istati Membri fil-para 11 & 12;

11. HUMA IMPENJATI li jiżguraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha, ibbażati fuq l-impenn tagħhom lejn il-multilateraliżmu, ikomplu jieħdu rwol ta’ tmexxija fis-saħħa globali u huma DETERMINATI li jiżguraw rwol ta' koordinazzjoni, proattiva u ta' tmexxija fi proċess inklużiv immirat lejn it-tisħiħ tas-sigurtà globali tas-saħħa u tal-WHO, b'mod partikolari fil-kapaċità tiegħu għat-tħejjija u rispons f'każi ta’ emerġenza tas-saħħa u biex jeżaminaw riżultati futuri mill-IPPR, il-Kumitat ta’ Reviżjoni tal-IHR u l-IOAC bil-għan li jwettqu f’azzjonijiet il-miżuri ordnati kif ukoll jagħtu appoġġ lill-Istati Membri tad-WHO għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u miżuri tas-saħħa pubblika. F'dan il-kuntest, huwa importanti d-djalogu sħiħ u kostanti ma’ L-Istati Membri tad-WHO.
12. JIKKONKLUDU li filwaqt li jirrikonoxxu kuntesti nazzjonali differenti, hemm bżonn li jindirizzaw id-disparita fost l-aspettattivi tal-Istati Membri tad-WHO vis-à-vis l-organizzazzjoni u l-Ħidma tagħha u SE JKOMPLU JIDDISKUTU ma’ Stati Membri oħra tad-WHO fil-korpi governattivi tal-organizzazzjoni biex jippromwovu deċiżjonijiet xierqa dwar l-aħjar triq 'il quddiem.

Il-Konklużjonijiet ikomplu jirrikonoxxu l-isfidi li l-WHO tiffaċċja f'para 13 u14 – l-ewwel ħaġa li tissemma hija "t-trasparenza" kif ukoll "dawk il-punti relatati mar-rispons tagħha għall-pandemija attwali".

13. JIRRIKONOXXU li l-indirizzar tal-isfidi li bħalissa qed tiffaċċja d-WHO, inter alia f’termini ta’ trasparenza, sinerġiji, finanzjament prevedibbli u sostenibbli u responsabbiltà, kif ukoll dawk relatati mar-rispons tagħha għall-pandemija attwali u d-disparità bejn L-aspettattivi tal-Istati Membri tad-WHO u l-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni nnifisa għandhom jieħdu prijorità fil-korpi governattivi tagħha.
14. IĦEĠĠU lill-atturi rilevanti kollha, inklużi atturi globali oħra tas-saħħa u atturi mhux statali biex isaħħu flimkien il-Ħidma tad-WHO fil-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons, filwaqt li fl-istess ħin JISĦQU fuq l-importanza li tissaħħaħ aktar is-sħubija bejn il-membri kif ukoll l-indipendenza tal-organizzazzjoni, ix-xogħol normattiv, il-kapaċità teknika, ir-responsabbiltà, effiċenza, effettività u trasparenza.

Ninfurmawk li l-Kunsill Ewropew, li jaf li l-WHO ma wettqitx tajjeb dak li kellha tagħmel, kompla jippromwovi u jappoġġa istituzzjoni inkompetenti li qed tfalli u qed jagħmel minn kollox biex ikompli jagħti setgħa ikbar lill-WHO, li hi istituzzjoni mhux eletta u eżonerata minn kull

reponsabbilta għal għemilha bi “privileġġi u immunitajiet meħtieġa biex twettaq l-iskopijiet tagħha u teżerċita l-funzjoni tagħha f’kull Stat Membru” inkluż fil-Kostituzzjoni tagħha.

Fil-kapaċità tiegħek ta’ membru tal-Kunsill Ewropew inti tkun responsabbli li tirrikkmanda l-adozzjoni tal-emendi proposti għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa 2005 (IHR) u tal-approvazzjoni ta’ CA+ propost mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) (magħruf ukoll bħala It-Trattat tal-Pandemija). Kull wieħed minn dawn id-deċiżjonijiet, jekk jiġu adottati/approvati se jirriżultaw f'bidla sinifikattiva ħafna fil-governanza globali tas-saħħa pubblika, għaliex se ddgħajjef għal dejjem, saħansitra tneħħi s-sovranità nazzjonali f’emerġenza ta’ saħħa (ppjanata, pperċepita, simulata jew mod ieħor) u se tagħti s-sovranità lill-WHO(għall-benefiċċju tal-isponsors u l-finanzjaturi tagħha).

Bħala Prim Ministru inti risponsabbli għall-ħarsien tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u għall-ħarsien tas-Saħħa u l-Libertajiet tal-poplu tagħha.

Ma nistgħux inħallu Istituzzjoni li mhix eletta mill-poplu, tiddikjara emerġenza bbażata fuq sempliċi suspett ta’ riskju potenzjali ,theddilna Saħħitna u l-Libertajiet tagħna. Il-WHO mhix tajba għall-iskop li suppost tirrapreżenta u mhix organizzazzjoni eletta demokratikament u dawk li jieħdu deċiżjonijiet igawdu l-immunita’ għalhekk ma jistgħux jinżammu responsabbli għal għemilhom. F'demokrazija, dawk li jfasslu l-liġijiet iridu jkunu eletti demokratikament u jinżammu responsabbli ta’ għemilhom kif għandu jkun.

B'differenza mid-WHO, inti ma tistax tiċħad ir-risponsabbiltà għal negliġenza volontarja u kondotta ħażina deliberata għal ksur tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u għan-nuqqas li taqdi lill-poplu ta’ Malta. Għalhekk nitolbuk li tieqaf għal dak li hu Tajjeb għall-Ġid tan-Nazzjon tagħna.

Min jibqa’ sieket huwa kompliċi.

Neħtieġu tweġiba sat-28 ta' Settembru 2023 u wara se nippubblikaw din l-ittra u ninfurmaw lill-pubbliku li inti ġejt mgħarraf u taf sewwa bit-theddida lill- Malta u lill-poplu tagħha.

Iffirmata minn Maltin Imħassba u Residenti Espatrijati